Fl-atti tat-Talba CCT 14/22/F

**Aneka Paula Balzan**

**vs**

**Petroni (Home Centre) Limited**

Illum, 11 ta' Settembru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-4 ta' Frar 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar is-17 ta' Marzu 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li ħadd ma deher għall-azjenda intimata fis-seduta tat-13 ta' Frar 2023 li kienet intiża għall-produzzjoni tal-provi tagħha u għalhekk it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq u li t-Talba tista' titħalla għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' sitt mija u disa u tletin Euro (€639.00) rappreżentanti l-valur ta' *tumble dryer* illi hija xtrat mingħand l-azjenda intima, liema *tumble dryer*, għalkemm mixtrija bi ġdida, kellha ħafna grif ħdejn il-bieba tagħha. Tilmenta ukoll li kien ovvju li l-*packing* tat-*tumble dryer* kien miftuħ qabel tant li kien hemm biċċiet miżmuma bit-*tape*;

Illi fir-Risposta tagħha, l-azjenda intimata tirribatti li gialadarba mal-konsenja tat-*tumble dryer* nhar is-7 ta' Diċembru 2021, ir-Rikorrenti iffirmat id-*delivery note* li kien fiha l-kliem *"received in good condition"* hija kkonfermat li fil-fatt, it-*tumble dryer* kienet ġiet konsenjata lilha fi stat tajjeb. Issostni ukoll li t-*tumble dryer* kienet parzjalment maħruġa mill-*packing* tagħha sabiex tkun tista' tinġarr aktar faċilment mill-ħaddiema. Tikkonferma li l-ewwel darba li r-Rikorrenti ilmentat dwar il-

kundizzjoni tat-*tumble dryer* kien dakinhar stess tal-konsenja għall-habta tas-18:45hrs;

Illi fl-affidavit tagħha, ir-Rikorrenti tissottolinea illi meta niżlet isfel bix tiftaħ lid-*delivery persons* tal-azjenda intimata, indunat li t-*tumble dryer* kienet diga` maħruġa mill-kaxxa tagħha. Tgħid li hekk kif ġiet mibdula l-plakka tat-*tumble dryer*, hija kienet pronta tiffirma d-*delivery note* u ukoll tħallas il-bilanċ tal-prezz. Wara ftit tal-ħin, intebħet li ħdejn il-bieba tat-*tumble dryer* kien hemm għadd ta' grif u li ma kienx hemm kopertura tal-plastik mal-ħġieġa li wieħed solitament isib fil-każ ta' *appliances* simili ġodda. B'hekk ikkonkludiet li kien hemm xi ħaġa stramba;

Illi r-Rikorrenti produċiet ukoll bħala xhud lil Kayleigh Cioffi li tirresjiedi fl-istess residenza u li kienet preżenti waqt il-konsenja tat-*tumble dryer*. Cioffi tispjega li hi indunat bil-grif viċin il-bieba tat-*tumble dryer* appena għaxar minuti wara li kienu telqu d-*delivery persons* tal-azjenda intimata. Tiddikjara taħt ġurament li la hi u lanqas ir-Rikorrenti Aneka Paula Balzan ma kienu kkawżaw il-grif;

Illi t-Tribunal jifhem li bil-mod kif hija postulata l-azzjoni, ir-rimedju prospettat mir-Rikorrenti huwa sabiex il-kuntratt tal-bejgħ jiġi xolt u li hija tiġbor lura l-prezz imħallas minnha għat-*tumble dryer* ġdida in kwistjoni minħabba li fiha għadd ta'grif "prominenti", ossija l-hekk imsejjħa *actio redhibitoria*;

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed titlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħha bħala Konsumatur;

Illi t-Tribunal jagħmilha ċara li ai termini tal-Artikoli 44(2) u 46 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, qed isib illi l-fatt li l-azjenda intimata sollecitat il-firma tar-Rikorrenti fuq *delivery note* li tgħid *"received in good condition"* qajla għandu xi siwi legali u dan għalhiex ir-Rikorrenti, bħala konsumatur iffirmat id-*delivery note* mingħajr ma kellha opportunità reali li tifhem sewwa u tiċċekkja l-prodott qabel ma tiffirma u tħallas il-bilanċ ta' prezz rimanenti u dan għalhiex id-*delivery persons* kienu qed jistennewha tiffirma u tħallas biex jitilqu. Ir-Rikorrenti fil-fatt tixhed li "*it was all very quick – 5 minutes and they were done*";

Illi intant, it-Tribunal isibha improbabbli li f'temp ta' żmien daqstant brevi mill-mument tal-konsenja sas-18:45hrs dakinhar stess ir-Rikorrenti jew Kayleigh Cioffi kienu danneġġjaw it-*tumble dryer* huma;

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi u ser jgħaddi biex jagħti rimedju skont il-liġi.

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba hekk:**

**Filwaqt li jiddikjara l-kuntratt ta' bejgħ xolt a bażi ta' nuqqas ta' konformità, jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' sitt mija u disa u tletin Euro (€639.00) rappreżentanti l-prezz imħallas għat-tumble dryer in kwistjoni.**

**Hekk kif isir il-ħlas mill-azjenda intimata, l-istess azjenda intimata jkollha d-dritt li tieħu lura l-pussess tat-*tumble dryer* in kwistjoni.**

**Spejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***